


# Il-Bidu ta' Ħal Lija (1438 - 1593)

Sa ħames mija u ħamsin sena ilu bosta mill-irħula żgħar ta' Malta kienu maqgħudin ma' xi raħal akbar minnhom u l-istorja tagħhom kienet mitlufa fil-ġrajja ta' dak ir-raħal jew belt li miegħu kienu jagħmlu. Ħal Lija baqa' jagħmel ma' Birkirkara sal-1594. B'daqshekk ma jfissirx li l-istorja tiegħu bdiet hemm, għaliex nafu li 156 sena qabel, in-nies ta' Ħal Lija kienu ġa ilhom jieħdu ħsieb l-affarijiet tagħhom, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mal-bini u l-ħarsien tal-kappelli li kienu jibnu.

Ċertu Ġanni Agius, f'Awwissu tal-1438, meta ġie biex jagħmel it-testment[1] tiegħu kien ħalla lil ibnu Girgor għalqa magħrufa bl-isem Tal-Belliegħa, fl-inħawi tar-raħal. Dan biex bil-qbiela tagħha jkun marbut jieħu ħsieb il-Knisja tas-Salvatur. Ġanni tant kellu qima lejn is-Salvatur li lil ibnu l-ieħor, ħallielu ħabel art magħruf bl-isem ta' Ix-Xfar, li riedu, li b'dak li jdaħħal minnu, jibda jagħmel quddiesa f'jum il-festa tas-Salvatur. Minn dan wieħed jista' jgħid li kienet teżisti xi knisja ċkejkna ddedikata lis-Salvatur.

Fil-bidu tas-seklu sittax, in-nies ta' Ħal Lija bdew jibnu knisja lill-patrun tagħhom, li kellu jkun Sant'Andrija. Din kellha artal wieħed u għal bosta snin serviet biex tilqa' lin-nies ta' Ħal Lija.

Kien dak iż-żmien, li s-Sultan Sulejman II tal-Imperu Tork kien qiegħed ikeċċi lill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann minn Rodi. Karlu V, is-Sultan ta' Spanja, offra lil Malta lill-Kavallieri, u dawn, wara li ġew Malta, kienu rebħu l-aħħar Galjun Tork, Is-Sultana, u ġabuh fil-port tagħna.

Meta fit-18 ta' Mejju 1565 dehret riesqa lejn il-gżira l-flotta Torka b'190 xini b'xi 40,000 ruħ fuqhom, il-Granmastru La Valette talab l-għajnuna tal-Maltin ħalli jilqa' dan l-assedju Musulman. In-nies ta' Ħal Lija kienu taw sehemhom fil-ġlieda kontra t-Torok. Dak iż-żmien f'Ħal Lija kienu joqogħdu xi tliet mitt ruħ, li minn dawn, dawk li kienu b'saħħithom, irġiel u żgħażagħ, ingħaqdu ma' ta' Birkirkara u ta' Ħal Qormi. Bħala kaptan kellhom lill-Kavallier Fra Bernard Blanc f'kumpanija ta' 680 raġel fuq l-armi. Il-bqija dawk li kienu xjuħ, nisa u tfal sabu ruħhom għall-kenn taħt il-ħitan ta' Sant'Iermu u aktar tard f'xi mini tal-Birgu fejn uħud minnhom ħadu parti fit-taqbid.

Fit-28 ta' Awwissu, xi Torok ġew Ħal Lija għal Ħaż-Żebbuġ, u kienu jfarrku kullimkien li kieku l-Maltin tal-kavallerija ma tqabdux magħhom f'taqtigħa liema bħala. Dakinhar it-Torok tilfu aktar minn għaxra minn tagħhom, u l-Lijani kellhom mejjet wieħed biss.

Meta mbagħad fi tmiem l-Assedju, Mustafa kien tiela' lejn l-Imdina b'xi 10,000 ruħ, ħalli forsi jaħbat għar-rinforzi tal-Viċi Sultan, dawn bdew jagħtu n-nar kull fejn għaddew. Ħal Lija kien wieħed minn dawk l-irħula li sfaw vittmi ta' din l-istraġi u kien isir wisq agħar li kieku



dawk tar-rinforzi u tal-kavallerija ma kinux lesti għat-taqbid. Dawn attakkaw lit-Torok mill-ġenb u saret taqtigħa kbira fil-wita Ta' Mlit bejn Ħal Lija, in-Naxxar u l-Mosta li kompliet sa San Pawl il-Baħar, imnejn it-Torok mifxulin imbarkaw fuq l-iġfna tagħhom b'telfa kbira[2].

Wara li t-Torok ħallew Malta, il-Granmastru La Valette beda jaħseb biex jibni Belt ġdida fuq l-għolja Xiberras. Il-pjanta ta' din il-belt imdawra bis-swar kienet ġiet fdata f'idejn l-arkitett magħruf Ġlormu Cassar (1520-1486). Dan l-arkitett kellu x'jaqsam ukoll ma' ħafna knejjes Maltin li nbdew għall-ħabta ta' nofs is-seklu 16.

## Is-Salvatur il-Qadim

Waħda mill-knejjes l-aktar qodma u l-pjanta tagħha għamilha Ġlormu Cassar kienet propju l-Knisja tas-Salvatur f'Ħal Lija[3]. Din il-knisja hija importanti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-arkitettura tal-knejjes parrokkjali Maltin, għaliex hija waħda mill-ftit li għadhom jeżistu. Fil-bidu, il-bini tagħha kien jikkonsisti f'korsija twila u msaqqfa kif għadha sal-lum fuq ħnejjiet nofs tond. Dan is-saqaf hu mibni b'sengħa kbira għaliex dak iż-żmien, minħabba n-nuqqas ta' injam tat-travi, il-bennejja Maltin kienu żviluppaw teknika ta' kif isaqqfu billi jużaw xorok imqegħdin fuq arkati. B'hekk is-saqaf jidher jifforma arkata waħda. L-arkati jibdew miċ-ċinta u għalhekk id-dehra tas-saqaf hija tassew eleganti u maestuża. Fil-faċċata tal-Knisja nsibu bieb kbir u s-solita tieqa tonda fuqu. Il-bibien l-oħra huma kbar ukoll.

Fin-naħa l-oħra tar-raħal, ċertu Marjanu Portelli waqqaf knisja ċkejkna li t-titular tagħha kien it-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. Din il-knisja, imsejħa Ta' Duna, inbniet fl-1569.

Marjanu kien iżomm tajjeb din il-knisja. Kellha artal wieħed u f'jum il-festa kien isir xi quddies u għasar. Dak iż-żmien, id-dar ta' maġenbha kienet tinfed magħha u kienet tagħmel parti mid-dar il-kbira, kif ukoll ir-remissa li hemm in-naħa l-oħra. Dan ifisser li xi darba dil-knisja kienet ġuspatronat, jiġifieri ta' xi persuna privata u sservi għall-kult pubbliku.

L-inkwatru ewlieni ta' Santa Marija huwa xogħol ta' Mikiel Busuttil u x'aktarx tqiegħed flok ieħor impinġi minn Żakkarija Micallef fil-bidu tas-seklu 17. Fiż-żminijiet li qed insemmu, Ħal Lija kellu miegħu żewġ

irħula żgħar, Ħal Bordi u Ħal Mann. Bħala knisja prinċipali ta' Ħal Bordi kienet teżisti kappella qadima ċkejkna li fiha kien hemm inkwatru antik tal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha jżomm id-dinja f'idu. Din il-knisja kienet isservi ta' viċi parroċċa dipendenti minn Birkirkara għal xi 60 ruħ, li kienu jgħixu madwarha.

## Il-vista ta' Monsinjur Dusina

Minħabba inkwiet serju li kien inqala' bejn il-Granmastru Jean L'Eveque de La Cassiere u l-Isqof Mons. Martina Royas, il-Papa Gregorju XIII kien bagħat f'Malta lill-Mons. Pietro Dusina bħala Inkwiżitur Ġenerali u Delegat Appostoliku ta' dawn il-gżejjer. Dan, mal-wasla tiegħu f'Malta fl-1 t'Awwissu 1575, mill-ewwel beda x-xogħol tiegħu megħjun mill-Vigarju Ġenerali, il-Kan. Antonio Bartolo u l-Patri Damiano Taliana, Patri Majjistru tad-Dumnikani.

Il-Viżitatur Appostoliku żar Ħal Lija flimkien mal-Kan. Bartolo fl-1 ta' Frar 1575. Fir-raħal kienu jgħixu madwar erba' mitt ruħ, li kienu joqogħdu bejn wieħed u ieħor f'xi tmenin dar. Minħabba li Ħal Lija kien jagħmel ma' Birkirkara, in-nies kienu jiddependu mill-Kappillan ta' Birkirkara, Dun Ġużepp Bellia. Dan il-kappillan kien irid ilaħħaq man-nies ta' Birkirkara, ta' H'Attard, ta' Ħal Balzan, ta' Ħal Bordi u ta' Ħal Mann li kienu jagħmlu ma' Ħal Lija.

B'hekk in-nies ma setgħux ikunu moqdija kif xieraq u Dun Ġużepp ma tantx kien jagħti kas. Għalhekk in-nies ta' Ħal Lija kienu marru jgergru ma' Mons. Dusina li ma kinux moqdija tajjeb fl-affarijiet tar-ruħ u talbuh biex ir-raħal ikollu min jista' jieħu ħsiebu aħjar. Iżda biex isir dan kienu jinħtieġu l-flus u n-nies tal-post indaħlu biex jaraw minn fejn se jiġbruhom. Fosthom kien hemm Ġużeppi Cuschieri u ieħor Gregorio Gandolfo li kien offrew l-għajnuna finanzjarja.

Meta beda jdur il-knejjes tar-raħal, Mons. Dusina sab li l-Knisja ta' Sant'Andrija ma kinitx miżmuma tajjeb. L-artali tal-ġnub xejn ma għoġbuh u ordna li ma jsirx aktar quddies fuqhom.

Kien sab ukoll li ma kienx hemm rettur li jieħu ħsiebha u lanqas kellha piżijiet jew dħul. Ried ukoll li jitħaffru oqbra fil-knisja, u qabel ma telaq kien waqqaf hawnhekk il-Konfraternità tas-Santissmu Sagrament. L-ewwel imseħbin f'din il-Konfraternità kienu Marjanu Portelli, Ġużeppi Agius, Francesco Agius, Gerolamo Vella, Leonardo Ciantar, Ġużeppi Agius, Salvatore Sambatus, Gregorio Gandolfo u Marjanu Buhagiar.



Barra mill-Knisja ta' Santa Marija, 'Ta Duna', kien hawn żewġ knejjes oħra ddedikati lil Santa Marija tax-xahar ta' Awwissu. Dusina kien sabhom neqsin minn bosta ħwejjeġ meħtieġa, avolja ċertu Antonio Mifsud f'waħda u Paolo Agius fl-oħra kienu jieħdu ħsieb li jagħmlu quddiesa u għasar f'jum il-festa. Is-saqaf ta' waħda minn dawn kien fi stat hekk ħażin, li Dusina ordna li ma tintużax aktar bħala knisja sakemm jissewwa s-saqaf u jsirulha l-bibien.

Knisja oħra li Mons. Dusina mar iżur kienet dik ta' San Pietru mibnija fil-bidu tas-seklu 16. Din kellha artal wieħed u bibien tal-injam, iżda kienet nieqsa minn ħafna ħwejjeġ meħtieġa. Dak iż-żmien kien jieħu ħsiebha Theramus Vassallo.

Meta żar il-knisja tas-Salvatur, il-Viżitatur Appostoliku kien sab li għalkemm kellha artali u bibien tal-injam, xejn ma kienet miżmuma tajjeb. Rettur ma kellhiex u kien jieħu ħsiebha ċertu Francesco Agius. Dakinhar tal-festa kellu l-obbligu li jqassam l-ikel lill-fqar. Dan Agius kellu qabar għalih u għall-familja tiegħu f'din il-knisja. Dusina kien ordna li ma jsirx quddies fuq l-artali tal-ġnub minħabba l-istat ħażin tagħhom.

Dwar il-knisja l-oħra tal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha, li kienet isservi ta viċi parroċċa għan-nies ta' Ħal Bordi, il-Viżitatur Appostoliku kien



ordna li jsir paviment ġdid, jiġi rranġat fejn kien isir id-dfin u affarijiet oħra sagri għall-kuljum u għall-festi. Dan kien għamlu, fost l-oħrajn, għaliex l-inkwatru antik tal-Madonna kien qiegħed jiġbed id-devozzjoni ta' bosta Maltin li bdew isejħulu l-inkwatru tal-Madonna tal-Mirakli.

Monsinjur Dusina, flimkien mal-Kan. Bartolo, kien żar knejjes oħra f'Ħal Lija. Dawn illum jew ma għadhomx wieqfa jew għadhom hemm iżda ma jservux iżjed bħala knejjes. Tnejn minn dawn kienu iddedikati lil-Lunzjata. Dawn ma tantx kienu miżmuma tajjeb u waħda minnhom lanqas bibien ma kellha.

Kien hemm knisja żgħira oħra dik ta' Sant'Agata. Din illum x'aktarx għadha wieqfa, iżda mhux bħala knisja, u tinsab fuq il-ġenb tax-xellug tal-Knisja ta' San Pietru5. Minn barra tidher tajjeb il-faċċata u wieħed għadu jista' jara l-forma tal-frontispizju tiela' f'għamla ta' maqrut. Minn ġewwa mbagħad wieħed jista' jara ż-żewġ twieqi fil-baxx li kienu jagħtu għal barra u llum magħluqin. Kien fiha artal wieħed iżda ma kienx hemm min jieħu ħsiebha. F'jum il-festa, Antonio Agius kien jieħu ħsieb li jsiru l-quddies u l-għasar.

Meta Mons. Dusina temm iż-żjara tiegħu f'Ħal Lija kien sar jaf minn dak li ra, li n-nies kellhom raġun igergru li ma kinux milħuqin minn Dun Ġużepp Bellia. Dan kien l-ewwel pass biex in-nies tal-post ikollhom xi ħadd li jieħu ħsiebhom aħjar spiritwalment mingħajr ma jkollu xogħol fi rħula oħra.

Il-popolazzjoni mbagħad kompliet tiżdied tant li fl-1576 kienet ġa tlaħħaq is-sitt mija. B'danakollu l-poplu Lijan xorta waħda kellu jistenna bosta snin, jittama li xi darba jkun moqdi aħjar.

## Referenzi:


Atti Nutar Luqa Sillati 1438.
Mario Agius, Villa Lija, Nru 10
G. Calleja 'The Works of Art in the Churches of Malta, 1881; hugh Brarun, Works of Art in Malta – Losses and Survivals in the War, 1946; Alfie Guillaumier, Bliet u Rhula Maltin, 1972
Quentin Hughes, The Buildings of Malta, 1530 – 1795, 1956
121, Main Street.